MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 858/2000/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dr. Godwin Aquilina abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Dr. Godwin Aquilina**

**vs**

**Josephine Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz datat is-7 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghadniex tkun ikkundannata:

Thallas is-somma komplessiva ta’ LM689.69,0, sitt mija u disa u tmenin lira u disa’ u sittin centemzu jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b’rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi KAI 153 u FAD 063, liema danni gew kawzati b’rizultat tal-kollizjoni li grat fil-11 t’April 2000, fi Triq is-Swatar, Msida, stante li hi unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha;

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM10, tal-ittra legali tat-12 ta’ Gunju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni taghh, kontra l-konvenutali giet ingunta bis-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-23 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici billi l-incident meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u traskuragni tas-sewwieq tal-vettura proprjeta’ ta’ Dr. Godwin Aquilina;

2. Illi l-ammont pretiz mill-attrici, kif inferit mill-presentata tal-azzjoni taghha f’din l-istanza u mhux fl-istanza inferjuri, huwa eccessiv;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fil-11 t'April tas-sena 2000 ghall-habta tal-4.45 ta' filghaxija fi Triq is-Swatar, Msida, hdejn il-"Price Club" u fih kienu involuti vettura tal-marka Peugeot bin-numru KAI-153 misjuqa minn Lorraine Aquilina u vettura tal-marka Volkswagon Polo bin-numru FAD-063 misjuqa minn Josephine Spiteri;

2. Illi z-zewg konducenti kienu qed isuqu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin u ma jirrizulta l-ebda ostakolu ghall-vizwali taghhom tat-triq;

3. Illi l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine sofriet id-danni minnha rikjamati fl-avviz odjern;

Ikkonsidrat:

Illi in effetti jirrizulta z-zewg konducenti kienu qed isuqu l-vetturi taghhom minghajr ostakoli li setghu inaqqsulhom il-vizwali taghhom;

Illi l-velocita' taz-zewg konducenti tirrizulta wkoll wahda sostenuta li kkontribwiet ghall-akkadut;

Illi in n-nuqqas ta' prudenza taz-zewg konducenti tidher assodata stante li hi l-fehema ta' din il-qorti li kieku dawn kienu prudenti dan l-incident kien jigi facilment evitat;

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:

1. Tiddikjara lil Lorraine Aquilina u Josephine Spiteri ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' sitt mija u disa' u tmenin Lira Maltin u disa u sittin centezmu, (LM689.69,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuta Josephine Spiteri thallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u erba' u erbghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (LM344.85,0), bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-konvenuta u l-atturi."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi bl-aggravju illli huma ma jaqblux mal-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-velocita' taz-zewg konducenti kienet wahda sostenuta biex b'hekk ikkonkludiet li s-sewwieqa Lorraine Aquilina, mart l-attur Dr. Godwin Aquilina, assikurat mas-socjeta' attrici, ikkontribwiet ghall-akkadut.

L-indagini li trid issir mill-Qorti hija fl-ewwel lok dik dwar ir-ragunijiet li ghalihom il-kontendenti jaskrivu lil xulxin ir-responsabilita' ghall-kollizjoni.

In sostenn tal-posizzjoni taghhom l-atturi jaddebitaw il-htija lill-konvenuta ghaliex din kienet qed issuq f'sens oppost fuq l-istess karreggjata tas-sewwieqa Lorraine Aquilina. Kien proprju dan il-fatt kolpuz da parte tal-konvenuta li ta lok ghall-kollizzjoni frontali. Minn naha taghha l-appellata taddossa r-responsabilita` fuq is-sewwieqa l-ohra ghaliex din harget minn triq sekondarja, qasmet zewg karreggjati tat-traffiku minghajr harsien tad-dritt ta' priorita` li kien imiss lilha.

Jirrizulta illi l-konvenuta appellata ikkontestat l-iskizz preparat minn PS 1113 Emanuel Aquilina, u esebit a fol 22. Dan fuq il-motiv li l-vetturi kienu indikati hazin meta suppost, dejjem skond l-appellata, l-vettura l-ohra kellha tidher aktar maqlugha l-barra gjaladarba l-habta ma kenitx 'head on' u n-naha tal-lemin tal-car taghha ma kienx involut fl-impatt.

Fir-rigward dina l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet u kummenti:-

(i) Jekk l-appellata riedet tikkontesta l-iskizz ghaliex naqset li tikkontroezamina lis-surgent li kkonduca l-investigazzjoni dwar din il-materja. Fid-deposizzjoni tieghu dan effettivament ta' rezikont tal-fatti rilevanti kif

irrizultawlu materjalment u kif irregistrahom fl-iskizz (fol 20). Eppure ma sarulu l-ebda domandi li setghu jiskossaw il-forza probatorja tal-iskizz preparat minnu.

(ii) Jekk id-daqqa ma kienetx wahda frontali kif tispjega l-fatt illi, kif muri mir-ricevuti minn fol 29 sa 36, il-hsarat fil-car ta' Dr Aquilina kienu mifruxa fuq quddiem kollu tal-car tieghu. U ghaliex naqset li tikkonfuta dawn l-istess ricevuti u survey report a fol 34 tal-process.

(iii) Jekk hu minnu dak minnha ritenut illi n-naha leminija ta' quddiem tal-vettura taghha ma kenitx involuta fil-kollizzjoni ghaliex naqset li tesebixxi dokumenti bhal ritratt jew survey jew semplici ricevuta biex dawn jaghtu sostenn lil din l-allegazzjoni taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sottomissjonijiet tal-appellata ma humiex accettabbli tant li ma gharfetx toffri spjegazzjoni ghaliex kienet, kif hekk indikattiv mill-isketch, fuq il-parti kareggjabbli tat-triq tas-sewwieqa Aquilina.

Huwa veru li din ic-cirkostanza wahidha mhiex bizzejjed biex l-appellata tigi ritenuta responsabbli ghaliex il-fatt li driver ma jkunx isuq fuq in-naha tieghu tat-triq mhux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver kien fi htija tal-kollizzjoni (**<u>Vol XXXVII pIV p1137</u>**; **<u>Vol XLVII pII p966</u>**). Dan hu hekk s'intendi sakemm ma jkunx pruvat illi din l-inosservanza tar-regolament tkun effettivament il-'causa prossima' tal-incident.

L-appellata tghid li antecedenti ghall-incident hi osservat il-vettura tas-sewwieqa l-ohra xi zewg karozzi u nofs boghod minnha, gejja bi speed qawwi. Apparti li din il-kwestjoni tal-velocita` hi kontrastata mis-sewwieqa Aquilina, certament ma kelliex ghalfejn tigi sorpriza b'dan il-fatt gjaladarba hi stess kienet f'dak il-mument qed issuq fil-kareggjata tal-imsemmija driver u mhux biss ma biddletx il-posizzjoni taghha, cjoe kisret lejn il-lemin taghha, fejn irrizulta li kien hemm spazju bizzejjed, talli issoktat issuq fl-istess direzzjoni. Il-fatti ghalhekk juru li l-appellata ma kienetx qed issuq regolarment fuq is-side taghha.

Minn dan kollu desunt huwa indikattiv illi l-konvenuta appellata ma irrealizzatx bil-presenza tal-vettura tas-sewwieqa Aquilina jekk mhux fl-ahhar istanti qabel l-impatt. Ghax jekk ratha, kif hekk minnha sostenut, allura kellha preavviz biex tempestivament tigbed lejn in-naha taghha tat-triq. Dan ma ghamlitux. It-triq giet deskritta bhala triq wiesgha li bl-ebda mod ma giet ridotta minhabba vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat.

Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-konvenuta appellata ma kienetx issuq b’dik il-prudenza li c-cirkostanzi tal-kaz kienu jiddettawlha. Jigifieri li zzomm dik il-“proper look out” necessarja biex ma tinvadiex il-karreggjata ta’ l-“on coming traffic” u tistakola l-prosegwiment tal-vetturi li jkunu mexjin fil-korsija regolari taghhom.

Fil-fehma konsiderata ghalhekk kien jinkombi fuq il-Qorti li flok tibqa’ assalita minn dubju tikkostruwixxi hi d-dinamika tal-incident. Wara li qieset il-provi kollha kif fuq gja espost din il-Qorti ma tistax tikkondividi r-ragjonament fil-motivazzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Li jfisser allura lanqas il-konkluzjoni raggunta illi l-kollizjoni grat bi htija ta-zewg sewwieqa.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens premess din il-Qorti tilqa’ l-appell interpost, tiddikjara illi l-kollizjoni grat bi htija unikament tal-konvenuta u ghalhekk tikkundannaha thallas lill-attur l-ammont shih reklamat ta’ sitt mija u disa` u tmenin lira Maltija, disa` u sittin centezmu (Lm689.69,0) bl-interessi mid-data tan-notifika tal-Avviz (26 ta’ Ottubru 2000).

L-ispejjez taz-zewg istanzi huma a kariku tal-konvenuta appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------